MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1360/2003

**GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Catherine Casapinta u l-istess Catherine Casapinta**

**Vs**

**George Camilleri**

It-Tribunal,
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Lulju 2003 fejn is-socjeta` attrici talbet sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm302.75 (tlett mija u zewg Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu) rapprezentanti ta' danni sofferti f'incident tat-traffiku.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
Il-konvenut huwa debitur tal-atturi fis-somma ta' tlett mija u zewg Liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm302.75) u dana in kwantu ghas-somma ta' Lm277.75 lis-socjeta` attrici assikuratrici u in kwantu ghas-somma ta'

Lm25 lil attrici, rapprezentanti danni li sofrew meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru EAD 147 fit-2 ta' April 2002 gewwa l-Imsida habat mall-vettura numru DBH 945 propjeta` ta' Catherina Casapinta u ikkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, komprisi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 3 ta' Frar 2003 kontra l-konvenut u ta' Ittra Ufficjali ohra ipprezentat kontestwalment ma' dan l-Avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u tal-parir Lm17.50 bl-imghax kontra l-istess konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-
Illi t-talbiet attrici ghadhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, peress li l-kollizjoni in kwistjoni ma gratx minhabba negligenza u traskuragni da parte tal-konvenut kif allegat fit-talba.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:
Illi jeziztu zewg versjonijiet tal-okkorenza tal-incident – da parti tax-xufier tal-vettura assikurata mas-socjeta attrici, kien il-konvenut li ghamel manuvra subitanea, skidja u spicca habat miehu.  Da parti tieghu, il-konvenut kif konfermat mill-passiggier ukoll Tracy Ellul, vettura misjuqa quddiemhom biddlet id-direzzjoni, il-vettura ta' warajh kienet gejja b'velocita u baqa diehel go fih.

Illi fil-versjoni moghtija mill-parti attrici, jirrizulta li kien hemm kambjament imprevisit fid-direzzjoni tal-konvenut gara xi haga indipendenti sia mill-volonta u sia mill-kontroll tieghu li kkostriugieh jigbed lejn il-lemin.

Dan biex jevita vettura quddiem li kienet fl-ahhar sekondi minghajr sinjal ta' pre-avviz.  F'cirkostanza similari, il-konvenut ha azzjoni evasiva biex ma jidholx f'ta quddiemu. Skond il-versjoni tal-konvenut u tal-passiggier tieghu l-manuvra maghmula mill-vettura ta' quddiemhom

ma nfluwenzathomx fis-sewqan.  Naqqas il-velocita izda baqa gej go fihom.

Fiz-zewg istanzi ma jidhirx li jista’ jigi ravvizat xi nuqqas fil-konfront tal-konvenut. Il-provi imressqa ma jwasslux ghal responsabbilta sal-grad ta’ bilanc ta’ probabiltajiet.

Jiddecidi billi jilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------